

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-Kummissjoni tqis li r-Renju Unit naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li japplika korrattament l-Artikolu 4(3), moqri flimkien mal-Parti A tal-Anness VI La tad-Direttiva 2001/80/KE dwar il-limitazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' ċerti tniġġis fl-arja minn impjanti kbar tal-kombustjoni f'dak li jirrigwarda l-impjant "Aberthaw Power Station". L-Aberthaw Power Station, li hija ċentrali elettrika li taħdem bil-faħam b'kapaċità termika nominali ta' 4 090 MWth u li taqa' għaldaqstant fil-kategorija ta' impjanti li għandhom kapaċità superjuri għal 500 MWth, teċċedi l-limitu ta' emissjoni applikabbli għall-ossidi tan-nitroġenu (NOx) skont għall-Artikolu 4(3) tad-direttiva imsemmija iktar 'il fuq, moqri flimkien mal-Artikolu 14(1)(a) u l-Parti A tal-Anness. Skont id-dispożizzjonijiet applikabbli, mill-1 ta' Jannar 2008, ir-Renju Unit għandu d-dmir li jiżgura ruħu li impjant ta' din il-kapaċità ma jeċċedix il-limitu ta' 500 mg/Nm<sup>3</sup> għan-NOx, imnaqqas għal 200 mg/Nm<sup>3</sup> minn Jannar 2016. Madankollu, il-limitu ta' emissjonijiet tal-impjant kif stabbilit fl-awtorizzazzjoni tal-impjant hija attwalment ta' 1 050 mg/Nm<sup>3</sup> għan-NOx.

(<sup>1</sup>) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 299

### Appell ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2015 minn SolarWorld AG mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-14 ta' April 2015 fil-Kawża T-393/13, SolarWorld AG vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-312/15 P)

(2015/C 302/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Appellanti: SolarWorld AG (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, J. Beck, Solicitor)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, Solsonica SpA

### Talbiet

- tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;
- tannulla d-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-393/13 sa fejn jiddeċiedi li ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament u dwar ir-rikors għad-danni;
- tiddikjara r-rikors għal annullament u r-rikors għad-danni ppreżentati fil-Kawża T-393/13 bħala ammissibbli;
- tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar il-mertu tar-rikors għal annullament u tar-rikors għad-danni.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball manifest meta ddeċidiet li ma kienx hemm iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors għal annullament u dwar ir-rikors għad-danni li hija kienet ippreżentat.